

Dikjarazzjoni mill-Membri tal-Forum Konsultattiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

Is-27 ta' Settembru 2012

Fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju tal-Fondazzjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

Għaxar snin ilu l-Unjoni Ewropea żvelat qafas regolatorju ġdid biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel u tal-ġhalf fl-Ewropa kollha – pass li jispira l-kunfidenza fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jsejsu l-liġijiet dwar l-ikel, il-bażi tagħhom fix-xjenza u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet li jħarsu s-saħħa pubblika.

Sabiex jikkommemoraw dan l-għaxar anniversarju, il-korpi nazzjonali kompetenti fil-qasam tas-sigurtà fl-ikel fl-Ewropa kollha, li jsawru l-Forum Konsultattiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), qegħdin jippubblikaw din id-dikjarazzjoni:

“Fi żmien għaxar snin, is-sigurtà fl-ikel fl-Ewropa għamlet progress kbir ħafna, u għaldaqstant, sabiex nikkommemoraw din il-kisba, aħna qegħdin nirrikonoxxu l-kontribut kruċjali mogħti mill-EFSA. L-EFSA tejbet il-ħarsien tal-konsumaturi, tat appoġġ vitali lill-Istati Membri u wriet kemm tassew hija riżorsa kruċjali fi żminijiet ta' kriżi tal-ikel.

Il-Forum Konsultattiv għandu kunfidenza fl-indipendenza u fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi tal-EFSA, tant li tul dawn l-aħħar għaxar snin, ħadem b'kooperazzjoni mal-Awtorità ħalli jissaħħu l-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-UE u l-miżuri kollha maħsuba biex jiżguraw l-oġġettività tal-pariri xjentifiċi.

Il-membri tagħna jtennu l-approvazzjoni tagħhom għall-esperti indipendenti li jagħtu l-kontribut tagħhom fil-ħidma xjentifika tal-EFSA u għar-rwol vitali tagħhom fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju.

Il-korpi nazzjonali kompetenti għas-sigurtà fl-ikel fl-Ewropa, li jsawru l-Forum Konsultattiv, jiddikjaraw l-impenn kontinwu tagħhom biex isaħħu t-tfassil tal-politika abbażi tax-xjenza. Filwaqt li nħarsu 'l quddiem, aħna ser nagħmlu ħilitna kollha ħalli niżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju tkompli tevolvi u tiżviluppa bil-għan li jintlaħqu l-isfidi kritiċi li għandna quddiemna f'ambjent dejjem jinbidel.

Aħna ser nibnu fuq il-progress li sar mill-2002 s'issa u ser inkomplu nsaħħu din is-sħubija ta' fiduċja sabiex niżguraw is-sigurtà tal-ikel u tal-ġhalf fl-Ewropa kollha.”